VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,904, 21 ta' Novembru, 2017
Taqsima B

A.L. 324 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-Grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 67 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) ikollhom kwalunkwe grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mis-Senat, tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II jew l-ekwivalenti; u

(b) ikollhom livell tajjeb ta' konverzazzjoni u kitba fil-lingwa Ingliża (IELTS b'punteġġ ta' 6.5 jew ogħla); u

(ċ) ikollhom livell għoli ta' profiċjenza fil-lingwa nattiva tagħhom (livell ta' C2 skont il-Common European Framework of Reference for Languages).

(2) L-applikanti li għandhom il-Postgraduate Diploma in Translation and Interpreting jistgħu jitħallew jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors, sakemm li jkunu temmew b'suċċess il-programm tal-Postgraduate Diploma b'marka medja minima ta' 65%, sakemm li dawn l-applikanti jkollhom jagħżlu jew "Translation" jew "Interpreting" bħala l-qasam ta' studju tar-riċerka tagħhom.

(3) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. In-numru ta' postijiet disponibbli jiġi mħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Jekk in-numru tal-applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, imwieżna kif ġej:

(a) it-test fil-ħiliet tal-lingwa, tat-traduzzjoni u tal-aspetti tematiċi – 70%;

(b) il-livell milħuq waqt l-intervista – 30%.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

(6) Il-bord tal-intervisti jista' juża mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi biex isiru l-intervisti mal-applikanti.

(7) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għad-dħul fil-Kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel u dawk li għalihom hemm il-postijiet disponibbli jiġu aċċettati u infurmati b'dan. Jekk jibqa' xi postijiet vakanti, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki kollha neċessarji wara l-31 ta' Awissu u qabel it-30 ta' Settembru jiġu kkunsidrati għall-postijiet li jkun fadal."